# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Ottubru, 2016

**Talba Nru: 118/2016/VG**

**Camilleri Paris Mode Ltd**

**Vs**

**Marco AQUILINA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-29 ta' Marzu, 2016** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' hames mija u ghaxar euro [€510] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Is-socjeta attrici titlob lil dana t-Tribunal sabiex tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' hames mija u ghaxar euro (€510) u dan skont l-invoice hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A.

> Bl-imghax minn meta l-ammont sar dovut sad-data tal-effettiv pagament u l-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 2158/15".

Ra t-timbru tal-marixxal John Francica a tergo tal-fol. 11 fejn huwa ddikjara li fil-31 ta' Mejju, 2016 huwa sab li Carmen Aquilina (ID. Nru. 652346M) u li din irrifjutat li tiehu l-atti f'isem binha.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-30 ta' Settembru, 2016 min fejn jirrizulta li fl-indirizz li kien mar il-marixxal John Francica jirrisjedi l-intimat u ghalhekk, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2016 it-Tribunal iddikjara n-notifika ta' l-intimat bhala wahda valida.

Ra li l-intimat baqa ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda ta' Mark Camilleri, li kkonferma li l-intimat kien ghad fadallu jhallas l-ammont ta' €510 u dan skont id-dokumenti esebiti minnu mmarkati bhala dok. ML1 u ML2.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2016 Dr. Nicolai Lubrano ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq. It-Talba giet differita ghas-26 ta' Ottubru, 2016 ghall-provi kollha ta' l-intimat.

Ra li fis-seduta tal-lum l-intimat reggha ma deherx u Dr. Nicolai Lubrano, wara li ghamel referenza ghall-verbal tat-13 ta' Ottubru, 2016, u peress li l-intimat baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum, talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta’ €510 skont il-fattura esebita fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru, 2016.

Ikkunsidra;

2. Mark Camilleri, ghas-socjeta rikorrenti kkonferma bil-gurament tieghu fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru, 2016 li l-ammont ta’ €510 ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-*

> *subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta’ l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f’kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat skont il-ligi u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b’xi mod turi li dak li intqal minnha ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, t-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont reklamat f’dawn il-proceduri mis-socjeta rikorrenti, huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta’ hames mija u ghaxar euro [€510] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-23 ta’ Jannar, 2015, data tal-fattura (dok. ML1), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali numru 2158/15, huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**